MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 17/2003/1

**Anthony Debrincat**

**vs**

**Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-attur jahdem cirka ta' ghaxar t-itmien art pari ghal hdax il-elf mitejn u erbghin punt disgha (11240.9 mk) maghrufa bhala "Ta' Xalati" fil-Kuntrada ta' "Wied ir-Rihan" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex.

Peress illi bejn Jannar 2001 u Mejju 2002, haddiema tal-konvenut kull jaghtu training fir-erba' ta' l-attur, billi kienu jillendjaw bil-helicopter taghhom fil-propjeta ta' l-attur specifikament. Dan minghajr permess ta' l-attur , li meta prova jkellimhom sahansitra gie mhedded b'azzarin.

Peress illi minhabba dan l-illandjar tal-helicopter l-attur sofra ghadd ta' danni konsiderevoli fir-raba tieghu konsistenti fi twaqqiegh ta' hitan tas-sejjieh, twaqqiegh ta' frott, u tkissir ta' qnienec. Illi l-attur sofra ghalhekk is-segwenti danni materjali: Twaqqiegh ta' frott:- Lm300; twaqqiegh ta' zewgt hitan tas-sejjieh bil-qannic b'kollox Lm140; Qannic li nqasam Lm50, Qannic twil li nkiser ghal kollox Lm90. Dan minbarra hsarat ohra li ma jistghux jigu kwantifikati, bhal tqaccit ta' sigar.

Peress illi ghalhekk l-attur irid li jithallas minn ghand il-konvenut is-somma ta' hames mija u sebghin liri Maltin (Lm570) danni sofferti minnu kif fuq spjegat. Illi l-konvenut ma hallas xejn minn dan l-ammont minkejja li nterpellat diversi drabi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li :

Jhallas lil attur is-somma ta' hames mija u sebghin lira Maltija (Lm570) kif fuq dovuta. Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjes kollha inkluzi ta' l-ittra interpellatorja spedita f'Mejju 2002 u ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar 2003. bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

"Il-konvenut qieghed jikkontesta din it-talba u ghaldaqstant jesponi bir-rispett:

Preliminarjament, illi l-helicopter in kwistjoni mhuwiex propjeta' tal-Forzi Armati Ta' Malta fiwaqt li l-Pilota wkoll mhuwiex parti mill-Forzi Armati u anzi jgawdi l-immunita' diplomatika.

Subordinatament, illi l-ekwipagg tal-helikopter m awera ebda negligenza jew wettaq xi att doluz li jaghti lok ghall-hlas ta' danni skond il-ligi.

Subordinatament, illi jekk kien hemm xi danni dawn ma kienux jeccedu dak li wiehed normalment huwa tenut li jissaporti minhabba l-fatt li jghix f'socjeta', u cioe' minhabba l-fatt li jezisti l-principju tas-solidarjeta socjali .

Bl-ispejjez."

Ra r-risposta tal-imsejjah fil-kawza li tghid hekk:

"Din it-talba qieghdha tigi kontestata ghaliex :

Fl-ewwel lok l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante illi skond il-ftehim iffirmat fl-14 ta' Lulju bejn u mill-Ministeru tad-Difiza Taljana u l-Ministeru ta' L-Affarijiet Barranin Malti, huwa l-gvern Malti li jrid jaghmel tajjeb ghal-kwalunkwe danni li jistghu jigi kkawzanti mill-membri tal-Missjoni Taljana waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Subordinatament, ebda helikopter tal-Missjoni ma kien qed jittajjar vicin l-ghalqa in kwistjoni fil-jum li gie indikat mill-attur, jekk l-istess attur b'xi mod jaf b'xi jum jew jiem partikolari ohrajn fejn allegatament saru titjiriet fuq proprjeta' tieghu ghandu jindikahom."

Ikkunsidra

Illi l-ghalqa tal-attur tinstab vicin ta' bazi tal-ajru tal-Forzi Armati ta' Malta fil-Qortin Ghawdex. Din il-bazi tintuza minn dawn il-forzi kif ukoll mill-Missjoni Militari Taljana f'Malta.

L-attur(fol 28), kif ukoll zewg xhieda indipendenti minnu prodotti (John Muscat a fol 25; Christopher Magro a fol 35), ilkoll xehdu kif raw helicopters jittajjru fil-baxx kemm jew fuq l-ghalqa tieghu jew fil-vicinanzi. Tassew illi Christopher Magro ra helicopter fl-24 ta' Gunju 2002 li jigi wara l-perjodu msemmi fl-Avviz tat-Talba, izda d-

deposizzjoni tieghu xorta wahda tikkorrobora x-xhieda l-ohra ghall-fatt li fl-inhawi jkun hemm il-helicopters jittajjru fil-baxx.

Ir-records prodotti mill-konvenut u mill-kjamat fil-kawza juru li effettivament saru titjiriet mill-bazi tal-Qortin fit-23 t'April 2003 data indikata mill-attur bhala l-wahda li fiha helicopter nizzel suldati fuq blata kbira li hemm fir-raba tieghu aktarx ghal skop ta' tahrig. Jichdu pero' li kien hemm awtorizzazzjoni ghal titjiriet fil-baxx.

L-attur u x-xhieda l-ohra m'gharfu l-ebda arma distintiva fuq il-helicopters li raw jimmanvraw fil-baxx. L-attur pero' jghid li dejjem ra lill-helicopters sejrin lejn il-bazi tal-Qortin. Dan jeskludi l-possibilita' li l-helicopters kienu jappartjenu lil terzi persuni bhal xi kumpannija tal-films, ghax dawn jitilqu u jillandjaw x'imkien iehor, u mhux fil-bazi tal-Qortin.

Ghalkemm l-attur ma rnexxilux jipprova b'certezza assoluta li l-helicopter li ghamillu l-hsara jappartjeni lill-konvenut jew lill-kjamat in kawza, il-piz tal-prova li ghandu fuq spallejh huwa biss li jikseb il-konvinciment tat-Tribunal biss fuq bazi ta' bilanc ta' probabilita'. A bazi ta' dan il-kriterju, mhux verosimili li l-helicopter ma kienx jappartjeni lill-konvenut jew lill-kjamat fil-kawza, ghax ebda helicopters ohra ma jittajjru normalment fl-inhawi, u ebda helicopters ma jillandjaw fil-bazi tal-Qortin ghajr dawk taghhom. L-attur ma ppruvax jekk il-helicopter kienx tal-forzi Maltin jew tal-forzi Taljani, izda in vista tar-risposta tal-kjamat fil-kawza fis-sens li kwalunkwe hsara li jistghu jikkawzaw it-Taljani jwiegeb ghaliha l-Gvern Malti, l-anqas ghandu ghalfejn jaghmel din il-prova li altrimenti kien ikun obbligat li jaghmel.

Dwar il-quantum tad-danni, dan ma giex kontradett mill-konvenut jew mill-imsejjah fil-kawza u ghalhekk jitqiesu li gie ammess mill-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur u konsegwentement jikkundannah ihallsu s-somma ta'

LM570 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-imsejjah fil-kawza u tal-ittra ufficjali ta' Jannar 2003 a kariku tal-istess konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji li jikkontestaw lit-Tribunal l-apprezzament tieghu tal-provi u n-nuqqas li jzomm access biex tigi verifikata il-korrettezza, o meno, tal-kwantum tad-danni;

Ghal dan l-appell l-attur wiegeb kif gej:-

(1) Preliminarjament, l-irritwalita` ta' l-appell ghar-raguni li dan gie intavolat quddiem Qorti zbaljata u barra minn hekk kien ukoll difettuz fl-okkju tieghu billi thalliet barra kull referenza ghall-imsejjah fil-kawza;

(2) L-appell hu null ukoll ghaliex il-konvenut kien messu talab ir-riforma tas-sentenza u mhux in-revoka taghha;

(3) Fil-meritu, is-sentenza appellata in kwantu bazata fuq il-bilanc tal-probabilitajiet hi gusta u ghandha tigi konfermata;

L-attur, imbaghad, appella incidentalment kontra d-digriet tat-Tribunal tal-15 (*recte*, 14) ta' Settembru 2005 fejn gie ordnat l-isfilz ta' l-okkorrenza tal-Pulizija minnu esebit fl-atti permezz ta' Nota;

Huwa ferm logiku illi l-ewwel haga li trid tigi investita minn din il-Qorti tirrigwarda l-eccezzjonijiet procedurali sollevati mill-attur appellat billi, jekk dawn jirrizultaw fondati, mhux il-kaz li l-Qorti tghaddi 'l quddiem ghall-investigazzjoni ta' l-aggravji fil-meritu u ta' l-appell incidentali;

Ghandu jkun ovvju illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-attur qieghed jikkollega ruhu ghal dak provvdut bl-Artikolu 789 (1) (d) tal-Kapitolu 12 dwar in-nullita` ta' atti gudizzjarji u cjoe, ghal kaz fejn "l-att ikun nieqes minn xi partikolarita`

essenzjali espressament mehtiega mil-ligi”. Issa l-Artikolu 174 (1) (a) jippreskrivi li f’ kull skrittura ghandu jigi mnizzel l-isem tal-qorti u tas-sezzjoni taghha li fiha tigi pprezentata, u skond is-subinciz (b) ta’ l-istess artikolu l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha l-iskrittura ssir u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet;

Dan premess, hu, pero` stabbilit mill-proviso ghall-imsemmi 789 (1) tal-Kodici ritwali illi l-eccezzjoni tan-nullita` migjuba ‘l quddiem ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Hi moghtija lil din il-Qorti is-setgha li tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fi skritturi bis-sahha ta’ l-Artikolu 175 (2) u (3) tal-Kapitolu 12, haga li din il-Qorti behsiebha tipprovdi *infra*. Dan, s’ intendi, limitatament fil-kaz tan-nomenklatura li bih giet indikata din il-Qorti fir-rikors ta’ l-appell;

Ghar-rigward ta’ l-okkju, il-kwestjoni jkollha b’ necessita` ritwali tiehu direzzjoni ohra. Il-Qorti tinnota li r-rikors ta’ l-appell jindika bi precizjoni l-okkju kif imnizzel fis-sentenza appellata. Minn dan jitnissel illi jekk hemm zball dan hu fl-okkju ta’ l-istess sentenza li mbaghad gie ripetut fl-okkju tar-rikors ta’ l-appell;

Mill-atti quddiem it-Tribunal jirrizulta li fuq ir-rikors prezentat mill-attur it-Tribunal, permezz ta’ digriet tas-26 ta’ Novembru 2003 kien laqa’ t-talba ghas-sejha fil-kawza ta’ Colonello Salvatore Fadda fil-kwalita` tieghu ta’ Kap Kmandant, Missjoni Militari Taljana f’ Malta (ara verbal a fol. 18). Din il-kjamata giet registrata bl-inkluzjoni fl-okkju tal-kawza imma imbaghad bi zvista din ma sabetx postha fis-sentenza tat-Tribunal tant li thalliet barra kull referenza ghall-imsejjah fil-kawza;

Huwa ben pacifiku illi l-Artikolu 175 (2) jikkonsentixxi ghall-korrezzjonijiet fi skritturi prezentati quddiemu imma

mhux ukoll f’ dawk quddiem it-tribunal ta’ l-ewwel grad. Kien ghalhekk mehtieg li l-okkju tal-kawza jigi sewwa u bi precizjoni registrat fis-sentenza tal-Qorti fejn si tratta tal-partijiet in kawza;

M’ hemmx kwestjoni illi l-imsejjah fil-kawza, a differenza ta’ l-intervenut fil-kawza, huwa parti fil-kawza daqs li kieku kien konvenut mill-bidunett. In effetti dan jista’ jigi kkundannat jew liberat daqs li kieku l-kawza kienet proposta kontra tieghu. Ara ghal dak li jiswa **Kollez. Vol. XLVII P I p 271**. La darba dan hu hekk, l-inkluzjoni tal-kjamat fil-kawza fl-okkju tas-sentenza ghandu jigi kunsidrat bhala essenzjali b’ mod li l-ommissjoni tieghu ggib in-nullita`. In kwantu zball ta’ sustanza “l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah *ex officio* in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u obbligi ta’ dawk il-partijiet - persuni kontendenti fil-kawza - li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat.” - “**Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo *nomine***”, Appell, 28 ta’ Frar 1997;

Kif gja osservat din il-Qorti ma ghandhiex l-awtorita` mil-ligi li tikkorregi hi stess zbalji jew ommissjonijiet ta’ din ix-xorta f’ sentenzi ta’ tribunali ohra. “Dak ghandu jsir minn dik il-Qorti (jew Tribunal) wara li taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-element ta’ pregudizzju fil-proceduri li jkunu saru quddiemha fir-rigward tal-persuni li kienu l-oggett ta’ dan l-‘izball’.” - “**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**”, Appell, 19 ta’ April 1999;

Fic-cirkustanzi jidher li dina l-Qorti ghandha rimedju wiehed disponibbli ghaliha, jigifieri li tirrevoka s-sentenza appellata u b’ hekk tqieghed lil partijiet fl-istess qaghda li kienu qabel ma giet pronunzjata s-sentenza. Naturalment, ghalkemm l-imsejjah fil-kawza ma appellax

b' danakollu, kif ritenut, "ladarba s-sentenza qed tigi annullata u revokata t-thassir taghha jiswa lilu ghax l-interess tieghu hu dipendenti essenzjalment minn dak ta' l-appellant." (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 200**);

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tordna li r-rikors ta' l-appell jigi korrett fis-sens li l-intestatura tal-Qorti tigi taqra "Fil-Qorti ta' l-Appell Inferjuri (Ghawdex)", tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghall-eventwali decizjoni fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula. L-ispejjez tal-prezenti procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------